MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru. 827/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**KONTRA**

**VINCENT VELLA ta' 70 sena, iben Carlo u Anna nee' Montanaro, imwieled nhar l-4 ta' Settembru, 1939, residenti fil-fond Sacred Heart, Triq A Caligari, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 613439M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **VINCENT VELLA** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Novembru, 2003 u fix-xhur ta' wara b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi:

1. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u cioe' pprezenta affidavit falz mahsub ghal awtorita' pubblika, jigifieri d-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali u dan bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta';

2. U aktar talli kiser ir-regolamenti ta' l-Att tad-Djar, sew billi ghamel xi haga li hu ma kellux jaghmel jew billi m'ghamilx xi haga li kellu jaghmel, jew billi ma halliex lil haddiehor jaghmel xi haga li dan l-iehor kellu jaghmel jew li huwa mholli li jaghmel, jew billi hassar jew sfratta xi haga li haddiehor ghamel taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' xi ordni jew regolament maghmul bis-sahha tieghu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 125 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi li kien qieghed iwiegeb ghalihom, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (folio 4). Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali f'dan ir-rigward (folio 6).

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-perm ta' din il-kawza bhala prova huwa dak li qal l-istess imputat fl-istqarrija tieghu, fi stadju ta' l-interrogatorju u sussegwentement meta ghazel li jixhed *viva voce* quddiem din il-Qorti u d-dokument li a bazi tieghu giet instigata din il-kawza.

Fil-fatt il-Kummissarju tal-Pulizija kien ircieva kwerela minghand is-Sur Esposito bhala Direttur tal-Housing Authority dwar affidavit allegatament falz maghmul minn Vincent u Mary Vella. Skond din il-kwerela (DOK LZ folio

23), fl-affidavit kien qieghed jigi mahluf mill-konjugi Vella, li ghalkemm kienu gew allokati fond f'Telghet Rahal Gdid mill-Housing, huma riedu, anzi xtaqu, jibdlu l-istess ma' iehor gewwa l-Marsa. B'hekk halfu li kienu bi hsiebhom imorru joqoghdu l-Marsa meta skond Esposito, l-istess konjugi Vella kienu xtraw proprjeta' gewwa Haz-Zabbar u li kienu qeghdin joqoghdu go fiha. Fl-istess kwerela kien hemm anke allegat li l-konjugi Vella kienu taw ic-cwievet tal-fond ta' Rahal Gdid lil terzi persuni.

Issa meta giet ezebita din il-kwerela minn Leonard Zerafa, *assistant administrator* fid-Dipartiment tal-*Housing Authority*, ma giex ezebit minn Zerafa l-affidavit li ghalih kienet qieghda taghmel referenza l-kwerela. Zerafa anzi xehed illi ma kienx hemm gol-*file* tal-*Housing Authority* l-originali ta' l-affidavit imsemmi.

Aktar tard fil-mori ta' din il-kawza l-Ispettur Joseph Cordina ezebixxa huwa stess l-ittra li s-Sur Esposito baghat lill-Kummissarju tal-Pulizija, anness ma' liema kien hemm affidavit – folio 33 – 34, DOK JC.

Ghal dan l-iskop ittellghet anke tixhed in-Nutar Eliza Falzon. Xehdet illi l-affidavit ezebit (*ibid*) kien gie mahluf quddiemha minn Vincent u Mary Vella wara li hija kienet ivverifikat l-identita' taghhom. Ghamlet referenza ghall-imputat.

In kontro ezami xehdet illi l-originali tad-dokument (l-affidavit) ma kienx fil-pussess taghha. Gharfet pero fuq dak ezebit il-kitba taghha fejn hemm imnizzel li l-affidavit gie mahluf quddiemha. Ammettiet ukoll illi ma kinitx iffirmat fuq il-kopja ezebita, li dak id-dokument kien vera kopja ta' l-originali.

Minn naha tieghu Vincent Vella rrilaxxa stqarrija lill-Ufficjal Investigattiv, ghazel ukoll illi jitla' jixhed *viva voce* quddiem din il-Qorti.

Ghalhekk fl-istqarrija qal li hu kien ilu jghix gewwa 'Sacred Heart', Triq A Caligari, Zabbar mis-sajf tas-sena 2003. Ammetta li kellu post mikri lilu minghand il-Gvern gewwa

Telghet Rahal Gdid, li ilu mikri ghandu ghal dawn l-ahhar 38 sena. Kien konxju li tali post mikri la seta' jikrieh u lanqas ibieghu lil terzi.

Ftakar illi n-neputi tieghu kien hadlu nutar mara d-dar u kienu ffirmaw karta (xi dokument) li kellu x'jaqsam mal-flat ta' Rahal Gdid. Ammetta li meta hu u martu telqu minn dan il-flat ta' Rahal Gdid, ma kinux avzaw lill-*Housing Authority*. Ammetta li hu u martu kienu xtraw proprjeta' gewwa Haz-Zabbar f'Marzu, 2003, meta rebhu s-Super 5 u marru jghixu fiha.

Qal illi jista' jkun li c-cavetta tal-fond mikri lilu mill-Housing Authority taha lit-tfal tan-neputi tieghu, pero bi skop biss li jiccekkja l-fond *de quo*. Qal illi jista' jkun li l-karta' ta' l-identita' ta' Janis kienet fuq il-fond imsemmi, dan ghaliex hu u martu kellhom il-hsieb li dan imur jghix maghhom. (vide DOK VV 1 a folio 16 f'dan if-rigward).

Ammetta li hu kien ghamel dikjarazzjoni quddiem Nutar. Ammetta li lill-*Housing Authority* qatt ma qallhom b'dan Janis.

*Viva voce* wara li kkonferma l-istqarrija, ikkonferma li dak li hu qal fid-dikjarazzjoni kienet il-verita' kollha. Qal illi hu fl-affidavit qal biss il-verita', zied illi lanqas biss kien jaf x'inhu affidavit qabel ma sar dan.

Ikkunsidrat:

Illi d-Difiza ressqet tista' tghid eccezzjoni wahda biex tikkontesta din il-kawza – li l-affidavit ezebit mill-Ispettur Joseph Cordina qatt ma gie attestat bhala vera kopja ta' l-original minn Nutar Falzon. Fil-fatt kif jirrizulta mix-xhieda rapprezentanti tal-*Housing Authority* li dan l-original ma seta' jinstab imkien, lanqas fil-*file* tal-*Housing Authority* relatat ma' dan il-kaz. Oltre dan meta rega' ttella' jixhed is-Sur Esposito, qatt ma gie mistoqsi jekk dak id-dokument li kien gie ezebit kienx dak li hu kien ircieva minghand il-konjugi Vella u ghalhekk jikkonferma l-istess.

Minn naha taghha n-Nutar Falzon xehdet li verament fuq dak id-dokument ezebit ma kienx hemm li kien vera kopja ta' l-original. Hija gharfet il-kitba taghha pero qalet illi dawk id-dettalji li kien hemm iktar 'il fuq fid-dokument ma kinux miktubin minnha. Hawn fil-fatt huwa anke saljenti li wiehed ihares lejn id-dokument ezebit. Fil-fatt l-affidavit huwa miktub fuq karta gia' ttajpjata, kull ma ghamlu l-applikanti mlew il-formola – sussegwentement in-Nutar kitbet li kien mahluf quddiemha u ffirmat fuqu – ma kinitx hi li kitbet il-korp sostantiv ta' l-affidavit. Ghalhekk il-fatt li dan gie ezebit fil-forma ta' mera kopja tieghu, li hadd ma seta' jivverifika li kienet vera kopja ta' l-original, ixejjen ghal kollox il-valur probatorju ta' l-istess dokument – jaghti fil-fatt ragun lid-Difiza – ghalhekk qieghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------